# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 12 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 5**

**Rikors numru 348/16/1 MCH**

**Carmel *sive* Charles Cini**

**v.**

**Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, Dr. Mateja Farrugia fil-kapaċità tagħha ta' President tal-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Għalliema f'Malta u in rappreżentanza tal-istess**

1. L-attur appella mis-sentenza li tat il-Qorti Ċivili, Prim'Awla fit-3 ta' Ottubru 2017 u li biha laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti li kellu rimedju ordinarju taħt Art. 32(1) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327) b'referenza għad-deċiżjoni tal-Ministru tal-Edukazzjoni li biha ħassar il-*warrant* ta' għalliem li kellu l-attur, wara rakkomandazzjoni tal-Kunsill

dwar il-Professjoni tal-Għalliema f'Malta, li jirrevoka l-*warrant* ta' għalliem tal-attur.

**<u>Fatti</u>:**

2. Il-fatti li wasslu għall-kawża kienu dawn:

2.1. L-attur gradwat mill-Università ta' Malta bil-baċellerat fil-Kummerċ u PGCE (*Post Graduate Course in Education*). Wara li temm l-istudji, kiseb *warrant* ta' għalliem;

2.2. Għal madwar għoxrin (20) sena, l-attur ħadem bħala għalliem tal-*accounts* f'livell post sekondarju fl-iskola Mikelang Refalo, Għawdex;

2.3. Fi Frar tal-2013, id-Direttur Ġenerali tad-Direttorat għas-Servizzi Edukattivi ressqet rapport lill-Kunsill konvenut sabiex jinvestiga allegat imġieba mhux xierqa u nuqqasijiet tal-ħila fl-għoti tat-tagħlim min-naħa tal-attur;

2.4. Infetħet inkjesta u l-attur intalab jersaq quddiem il-Kunsill. F'dawk il-proċeduri d-Dipartiment ippreżenta l-każ tiegħu u l-attur, rappreżentat minn Dr. Carmelo Galea u sussegwentement minn Mr

Franklin Barbara (Segretarju Ġenerali tal-*Malta Union of Teachers*), ċaħad l-allegazzjonijiet;[1]

2.5. L-inkjesta tal-Kunsill ingħalqet b'rapport bid-data tat-22 ta' Ottubru 2015,[2] li fih il-Kunsill semma' x-xhieda li nstemgħet quddiemu, għamel il-konsiderazzjonijiet, u kkonkluda billi rrakkomanda lill-Ministru konvenut bħala Ministru responsabbli għall-edukazzjoni, it-tħassir tal-*warrant* tal-attur bħala għalliem. Dan minħabba mġieba professjonali ħażina u inkompetenza skont l-Artikolu 31(1) tal-Att dwar l-Edukazzjoni, u nuqqas ta' ħila fil-prattika tal-professjoni tal-għalliema jew fit-twettiq ta' dmir jew obbligazzjoni fil-prattika ta' għalliema kif maħsub mill-Artikolu 31(1)(f). Fl-istess data, dan ir-rapport intbagħat lill-Ministru konvenut *a tenur* tal-Artikolu 31(4)(b) tal-Kap. 327 permezz ta' ittra. Kopja tal-istess intbagħatu wkoll lill-partijiet ikkonċernati, inkluż lill-attur;

2.6. L-attur kien notifikat bir-rapport tal-Kunsill fit-28 ta' Ottubru 2015;[3]

2.7. Permezz ta' *email* datata 30 ta' Ottubru 2015[4] l-attur talab lill-Bord tal-*Warrants* tal-Għalliema u lis-Sur Lawrence Azzopardi,

[1] Fol. 190.
[2] Fol.9.
[3] Fol. 109, 119, 121.
[4] Fol. 99 – 100.

Segretarju tal-Kunsill, sabiex jinfurmawh dwar il-proċedura legali biex jappella;

2.8. Fl-istess jum, Lawrence Azzopardi[5] wieġbu li għandu jitlob parir lill-avukat tiegħu u rreferih għall-Artikolu 32(1) u (2) tal-Att dwar l-Edukazzjoni li jipprovdi kif ġej:

> *"32.(1) Kull persuna li tħossha aggravata b'deċiżjoni tal-Ministru, li jkun iddeċieda skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill, li biha jiċħad talba għal warrant, jew meta ma tkunx ġiet notifikata lill-applikant id-deċiżjoni fiż-żmien stabbilit fl-artikolu 29, jew li biha jiġi sospiż jew imħassar warrant, taħt id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima,* ***tista', fi żmien wieħed u għoxrin jum mill-avviż li jingħata lill-Ministru****, tappella lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva u xi regolamenti applikabbli magħmula taħtu.*
>
> *(2) Għalkemm ikun sar appell skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, il-warrant jitqies sospiż jew imħassar, skont il-każ, pendenti d-deċiżjoni finali dwar kull appell li jista' jsir mid-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva u xi regolamenti applikabbli magħmula taħtu".*

2.9. Fis-6 ta' Novembru 2015 il-Ministru kkonferma l-konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet kontenuti fir-rapport tal-Kunsill billi ffirma l-inizjali fuq l-ewwel paġna tiegħu, u fl-istess data bagħtu hekk iffirmat lill-Kunsill.[6] Kopja lill-attur ma ntbagħtitx;

---

[5] Fol. 99.
[6] Fol. 114, 120.

2.10. Permezz ta' ittra bl-avukat datata 12 ta' Novembru 2015, l-attur għamel is-sottomissjonijiet tiegħu lill-Ministru sabiex ma jilqax ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill[7];

2.11. Permezz ta' ittra datata 18 ta' Novembru 2015 il-*private secretary* tal-Ministru konvenut informa lill-attur li l-ittra tiegħu ġiet miġjuba għall-attenzjoni tal-Ministru u riferuta lill-konsulent legali tiegħu[8]. Din tal-aħħar xehdet li wieġbet xi jiem wara[9] billi nfurmat lill-attur li l-Ministru kien iddeċieda li jimxi mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill[10], iżda l-attur jiċħad li rċieva dik l-ittra[11];

2.12. Permezz ta' ittra oħra datata tal-1 ta' Diċembru 2015,[12] li ġiet notifikata lill-attur fil-5 ta' Diċembru 2015,[13] il-Kunsill konvenut informa lill-attur li l-Ministru tal-Edukazzjoni laqa' r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill sabiex tiġi revokata l-*warrant* tiegħu ta' għalliem b'seħħ mit-22 ta' Ottubru, 2015. Talbu għalhekk jirritorna l-*warrant* numru 5748 fl-uffiċċju tal-Kunsill;

2.13. Minn hemm segwiet korrispondenza permezz ta' liema l-attur baqa' jinsisti li huwa ma kienx għadu rċieva deċiżjoni ffirmata mill-

[7] Fol. 158.
[8] Fol. 161.
[9] Fol. 155.
[10] Fol. 160.
[11] Fol. 123.
[12] Fol. 85.
[13] Fol. 176, 177.

Ministru. B'ittra datata 2 ta' Diċembru 2015 ir-rappreżentant legali tal-Ministeru saħqet iżda li l-Ministru kien ikkonferma d-deċiżjoni tal-Kunsill għar-revoka tal-*warrant* tiegħu u li l-proċedura tal-appell hija dik preċedentement indikata lill-attur[14];

2.14. Fl-4 ta' Diċembru 2015 il-Ministru tal-Edukazzjoni ppubblika avviż fil-Gazzetta tal-Gvern b'referena għad-deċiżjoni li biha ħassar il-*warrant* tal-attur;[15]

2.15. B'ittra datata 5 ta' Diċembru 2015, l-attur għamel diversi sottomissjonijiet lill-Ministru sabiex jissolleċitah ma jilqax id-deċiżjoni tal-Kunsill;[16]

2.16. B'ittri datati 11 ta' Diċembru 2015 u 18 ta' Diċembru 2015 is-segretarju tal-Ministru wieġeb li l-Ministru ma kellux xi jżid mat-tweġiba li kienet diġà ntbagħtet lill-attur mill-avukat tal-Ministeru;[17]

2.17. Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fl-14 ta' April 2016, l-attur sejjaħ lill-Ministru tal-Edukazzjoni, lill-President tal-Kunsill konvenut u lill-Avukat Ġenerali sabiex iħassru u jirrevokaw id-deċiżjoni li biha ġie

[14] Fol. 164.
[15] Fol. 86 – 87.
[16] Fol. 166 – 167.
[17] Fol. 163, 162.

ordnat it-tħassir tal-*warrant* bin-numru 5748 u sabiex jerġgħu jirreintegrawh fil-pussess tal-istess *warrant*.

3. Fis-26 ta' April 2016, l-attur ippreżenta l-kawża u talab lill-Qorti:

*"1. Tiddikjara illi d-decizjoni li biha giet ordnata r-revoka tal-warrant ta' ghalliem numru 5748 (originarjament konferita fuq ir-rikorrent) kienet wahda abbusiva, illegali, irragonevoli, mehuda minghajr l-osservanza tal-principji ta' gustizja naturali, bi ksur u vjolazzjoni tal-ligi, in bazi ta' ragunijiet mhux xierqa u b'applikazzjoni ta' regoli b'mod retroattiv, u tikkostitwixxi ghemil amministrattiv leziv tal-artikoli 39 u/jew 37 u/jew 41 u/jew 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u/jew tikkostitwixxi ghemil amministrattiv ultra vires, kif sejjer jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

*2. Konsegwentement tiddikjara l-imsemmija decizjoni, kif komunikata lir-rikorrent blittra datata 1 ta' Dicembru 2015 hawn annessa bhala Dokument 'B' u kif imhabbra fil-Gazzetta tal-Gvern tal-4 ta' Dicembru 2015 (Avviz Nru 1157) hawn annessa bhala Dokument 'C', bhala nulla, invalida u minghajr ebda effett fil-ligi;*

*3. Tiddikjara li b'effett tal-applikazzjoni tal-Artikolu 32(1) tal-Kap.327 abbinat mal-fatti kif fuq esposti, ir-rikorrent ma kellu ebda opportunita' li jappella d-decizjoni msemmija, u b'hekk ir-rikorrent gie ipprivat mid-dritt ta' access ghal tribunal indipendenti u imparzjali bi ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;*

*4. Konsegwentement thassar u tirrevoka d-decizjoni fuq imsemmija u tordna rreintegrazzjoni tar-rikorrent fil-pussess tal-istess warrant;*

*5. Tiddikjara illi bl-imsemmija decizjoni gew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent taht l-artikoli 37 u/jew 39 u/jew 41 tal-Kostituzzjoni u/jew 45 tal-Kostituzzjoni u lartikoli 6 u/jew 10 tal-Konvenzjoni Ewropea u/jew l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll talistess Konvenzjoni u/jew l-artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni mehud flimkien ma' xi wiehed jew aktar mill-artikoli l-ohra sostantivi appena msemmija u konsegwentement taghtih dawk ir-rimedji opportuni u necessarji sabiex hjuwa jigi pjenament ri-integrat fid-drittijiet fondamentali tieghu, inkluz billi thassar u tirrevoka id-decizjoni fuq imsemmija u tillikwida kumpens u danni favur ir-rikorrent u tikkundanna lill-intimati jew min minnhom ghall-hlas tal-istess;*

> *6. Taghti lir-rikorrent kull rimedju iehor xieraq u opportun a tenur tal-artikolu 46 talKostituzzjoni u tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea;*
>
> *Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta' April 2016, u b'rizerva ta' kwalsijasi azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrent in konnessjoni mad-decizjoni surreferita inkluz ghal kwalsijasi danni ohra sofferti minnu naxxenti mill-fatti kif dikjarati f'dan ir-rikors guramentat".*

4. Permezz ta' risposta maħlufa ppreżentata fit-30 ta' Mejju 2016[18], il-konvenuti *inter alia* wieġbu illi:

> *"1. Illi in linea preliminari, ir-rikorrent kellu rimedju ordinarju a dispozizzjoni tieghu, jigifieri appell mid-decizjoni tal-Ministru skont l-artikolu 32(1) tal-Kap. 327 (Att dwar l-Edukazzjoni), liema rimedju ma giex utilizzat minnu, minkejja li l-Kunsill intimat kien infurmah b'dan u ghalhekk din il-Qorti ma ghandhiex il-gurisdizzjoni biex tissindika ddecizjoni mertu ta' din il-kawza".*

5. B'sentenza mogħtija fit-3 ta' Ottubru 2017 ("sentenza appellata") il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet billi laqgħat l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti u ddeklinat milli teżerċita d-diskrezzjoni tagħha ta' ġurisdizzjoni għall-każ billi l-attur kellu rimedju ordinarju disponibbli mogħti lilu mil-liġi u naqas li jieħdu. Bl-ispejjeż kontrih.

6. *Inter alia* l-Qorti tal-ewwel grad ibbażat id-deċiżjoni tagħha fuq il-konsiderazzjonijiet segwenti:

> *"L-attur jsostni li meta rceva r-rapport tal-Kunsill bir-rakkomandazzjoni kellem lil Franklin Barbara li kien qed jassistih fil-proceduri kif ukoll kellem avukat fi zmien ftit granet li tawh parir li t-terminu tal-appell kien jibda jiddekorri mid-data tad-decizjoni tal-Ministru notifikata lilu.*

---

[18] Fol. 94.

*Hu jaqbel li rceva r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill fit-28 ta' Ottubru 2015 u fil-5 ta' Dicembru 2015 ircieva ittra mill-Kunsill fejn gie infurmat li l-Ministru laqa' rrakkomandazzjoni. Hu innega li rceva l-ittra tad-19 ta' Novembru 2015 ta' Dr Cristiano. Zied li l-warrant ta' teacher inghata lilu iffirmat mill-Ministru izda rigward ir-rakkommandazzjoni in kwistjoni, il-Ministru ma baghtlu xejn li juri li jaqbel mar-rakkomandazzjoni, ghalkemm talab dan diversi drabi.*

*Hi l-fehma tal-Qorti illi l-attur qed jadixxi lil Qorti biex tisma l-kaz tieghu ghax id-drittijiet fondamentali gew allegatament lesi senjatament l-artikoli 37, 39, 41, u 45 tal-Kostituzzjoni u artikoli 6, 10 u artikolu 1 Protokoll 1 tal-Kap. 319 kif ukoll li sehhet vjolazzjoni taht l-artikolu 469A minhabba l-ghemil amministrattiv konsistenti fil-proceduri u rakkomandazzjoni maghmula mill-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Ghalliema u aktar ghax ma skattax id-dritt ta' appell moghti lilu mill-artikolu 32 tal-Kap. 327 billi l-Ministru ghadu ma infurmahx bid-decizjoni tieghu wara r-rakkommandazzjoni maghmula lilu mill-Kunsill.*

*In tema legali kemm id-drittijiet protetti mill-Kostituzzjoni u l-Kap. 319 kif ukoll l-artikolu 469A tal-Kap. 12 jistghu jigu invokati mill-attur sakemm ma jigix pruvat illi l-istess attur kellu rimedju iehor disponibbli u ma hadux. Tali rimedju pero jrid ikun adegwat u xieraq u accessibbli.*

*...*

*L-artikolu 469A(4) tal-Kap. 12 ukoll jaghti lil Qorti d-diskrezzjoni li ma tezercitax il-poter taghha u tisma l-kawza meta jigi pruvat li l-attur kellu rimedju ordinarju xieraq u effettiv. Il-parametri uzati f'kaz ta' kawza kostituzzjonali japplikaw bl-istess mod f'kawza ta' stharrig ta' ghemil amministrattiv.*

*L-attur jsostni fil-premessi tieghu, illi meta hu nghata l-ittra tal-Kunsill bid-decizjoni tal-Ministru li jilqa' r-rakkommandazzjni ta' tnehhija tal-warrant f'Dicembru 2015 kien ghadda z-zmien moghti ghall-appell cioe 21 jum mid-data tal-avviz li jinghata lil Ministru bir-rakkommandazzjoni tal-istess Kunsill. Skond hu r-rakkommandazzjoni nghatat lil Ministru wara t-22 ta' Ottubru 2015 data li l-attur kellu fl-ittra li rceva minghand il-Kunsill fit-28 ta' Ottubru 2015. Skond l-attur dan hu lesiv tad-dritt ghal smigh xieraq (art. 39 tal-Kostituzzjoni u artikolu 6 tal-Konvenzjoni). In oltre l-inkjesta kontra l-attur tmexxiet mill-Ministru li finalment kien ser jiddeciedi fuq ir-rakkommandazzjoni tal-Kunsill u ghalhekk il-process kien jippekka fl-indipendenza u imparzjalita. Izid li r-rakkommandazzjoni kienet zbaljata ghax bazata fuq applikazzjoni retroattiva ta' regolamenti li ma kienux japplikaw ghalih u ghalhekk ultra vires. Jghid ukoll illi r-rakkommandazzjoni kienet wahda zbaljata u irragonevoli stante li gew injorati fatti li kienu jmorru kontra s-sejbin tal-Kunsill. Apparti dan, il-konvenuti mxew b'mod diskriminatorju meta ma hadux passi kontra ghalliem iehor li hu qed jikser l-etika u r-regolamenti li l-attur kien irraporta u minflok mexxew kontrih. Dan irendi d-decizjoni bhala abbusiva u msejjsa fuq ragunijiet mhux xierqa, u dan kontra li jrid*

*l-artikolu 41 u 45 tal-Kostituzzjoni u artikolu 14 tal-Konvenzjoni, kif ukoll l-artikoli 6 u 10 u l-artikolu 1 ta' Protokoll 1 tal-Konvenzjoni.*

*Il-Qorti tibda billi tassenjala dak li jghid l-artikolu 32(1)(2) tal-Kap. 327:*

> *"32. (1) Kull persuna li thossha aggravata b'decizjoni tal-Ministru, li jkun iddecieda skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill, li biha jichad talba ghal warrant, jew meta ma tkunx giet notifikata lill-applikant id-decizjoni fiz-zmien stabbilit fl-artikolu 29, jew li biha jigi sospiz jew imhassar warrant, taht iddisposizzjonijiet ta' din it-Taqsima, tista', fi zmien wiehed u ghoxrin jum millavviz li jinghata lill-Ministru, tappella lit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva skont id-dispozizzjonijiet tal-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva u xi regolamenti applikabbli maghmula tahtu.*
>
> *(2) Ghalkemm ikun sar appell skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, il-warrant jitqies sospiz jew imhassar, skont il-kaz, pendenti d-decizjoni finali dwar kull appell li jista' jsir mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva skont id-dispozizzjonijiet tal-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva u xi regolamenti applikabbli maghmula tahtu".*

...

*Stabbilit dan il-Qorti hi tal-fehma li dan l-artikolu ghandu jiftiehem fis-sens illi wara li jkun hemm id-decizjoni tal-Ministru li jkun iddecieda skond ir-rakkommandazzjoni tal-Kunsill tal-Ministru, il-persuna aggravata ghandha 21 jum biex tappella minn tali decizjoni. Il-Qorti hi skuntenta bl-ghazla tal-kliem fl-artikolu billi l-ligi l-ewwel titkellem fuq id-decizjoni tal-Ministru u iktar tard torbot il-21 jum fuq 'avviz' lil Ministru li skond l-intimati tfisser ir-'rakkommandazzjoni' ghax il-Kunsill ighaddi rakkommandazzjoni lil Ministru. Jidher mill-atti illi r-rakkommandazzjoni saret fit-22 ta' Ottubru 2015 u kopja intbaghtet lil Ministru, id-Dipartiment tal-Edukazzjoni u l-attur. Tal-ahhar irceviha fit-28 ta' Ottubru 2015. Hi l-fehma tal-Qorti illi l-kelma 'avviz' fl-artikolu 32(1) hi sfortunata ghax ma tintrabat ma ebda procedura senjalata fl-istess artikolu. L-artikolu 32(1) jorbot id-dritt tal-appell minn decizjoni tal-Ministru u ghalhekk il-Qorti tqis illi ddritt tal-appell ghandu jiskatta meta l-persuna aggravata tkun giet notifikata bid-decizjoni tal-Ministru mhux meta ssir ir-rakkommandazzjoni, billi dan hu l-kliem tal-ligi u d-decizjoni tal-Ministru hi dik li torbot lil attur billi l-Ministru ghandu d-diskrezzjoni ibiddel ir-rakkommandazzjoni tal-Kunsill.*

*Jidher li l-attur fehem din is-sitwazzjoni anomala tant li talab mill-ewwel lil Kunsill fuq id-dritt tieghu ghal appell mir-rakkommandazzjoni, pero wara li ha parir legali hu naqas lli jappella billi stenna d-decizjoni tal-Ministru. Din id-decizjoni waslet ghandu fil-5 ta' Dicembru 2015 b'ittra tal-Kunsill tal-1 ta' Dicembru 2015. Hi l-fehma tal-attur nonostante l-ittra tal-Kunsill li nfurmatu bid-decizjoni tal-Ministru, l-attur ippretenda li l-Ministru jikkomunika mieghu direttament bid-decizjoni tal-istess Ministru. Id-decizjoni hadd ma hu jinnega li ttiehdet u hi pruvata b'mod car mill-Kunsill li rceva ddecizjoni pozittiva tal-Ministru billi iffirma fuq ir-rakkommandazzjoni. Ma hemm xejn fil-ligi li jirrikjedi li l-persuna*

*aggravata tigi notifikata b'ittra personali tal-Ministru izda li d-decizjoni tal-Ministru li ttiehdet tigi komunikata lilu. Hekk sehh fil-5 ta' Dicembru 2015 u ghalhekk l-attur kellu 21 jum biex jappella u dan naqas li jaghmlu bla raguni valida izda ghaliex hass u insista li l-Ministru kellu jinnotifikah personalment bid-decizjoni tieghu. Hi l-fehma tal-Qorti illi l-attur kellu rimedju ordinarju kontra d-decizjoni mehuda kontrih u ma hadhiex bi htija unika u irragonevoli tieghu. In oltre jekk l-attur kien incert bid-dicitura sfortunata tal-ligi ma kien hemm xejn li josta li jaghmel appell kemm wara r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ricevuta minnu u jtenni l-istess wara li rceva l-ittra li l-Ministru kien approva r-rakkomandazzjoni. Hekk zgur ma kienx ikollu d-dilemma li d-dicitura tal-ligi poggietu fih.*

*Il-Qorti pero xorta trid tqis jekk ir-rimedju li toffri l-ligi kienx wiehed effettiv, prattiku u xieraq fic-cirkostanzi. L-artikolu 32 tal-Kap. 327 jaghti dritt ta' appell mid-decizjoni tal-Ministru quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva kostitwit permezz tal-Kap. 490 cioe l-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva. Dan it-Tribunal fil-fehma tal-Qorti jaghti rimedju wiesa, xieraq u effettiv ghal lanjanzi kollha tal-attur. Hu presedut minn Magistrat li ghandu l-jedd jisma l-ilmenti kollha ta' fatt u dritt b'rispett lejn il-principji tal-gustizzja naturali, b'access ghal informazzjoni kollha rilevanti li ghandha tkun disponibbli ghal partijiet kollha u jaghti r-rimedji skond dak mitlub u kontestat bil-poteri li ghandha l-Prim Awla tal-Qorti Civili. Mhux hekk biss izda kemm dritt ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell mid-decizjoni tat-Tribunal.*

*Il-kontestazzjoni tal-attur, oltre il-kwistjoni ta' meta jsir appell a bazi tal-artikolu 32 tal-Kap. 327, tirrigwarda kollha kemm hi r-rakkommandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Ghalliema approvata mill-Ministru tal-Edukazzjoni fil-mertu taghha, kwistjoni li setghet giet ampjament indirizzata mit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva.*

*B'hekk il-Qorti tqis illi l-eccezzjoni tal-konvenuti illi l-attur naqas li jiehu r-rimedju ordinarju moghti bil-ligi hu fondat u din il-Qorti ma thossx li ghandha tippermetti li l-attur juza dawn ir-rimedji ta' natura straordinarja meta l-attur naqas jutilizza r-rimedju normali li kien effettiv u accessibbli minghajr ma kellu raguni valida ghaliex kien hemm dan in-nuqqas".*

7. L-attur interpona l-appell in disamina permezz ta' liema talab lil din il-Qorti:

*"tħassar u tirrevoka d-digriet jew provvediment tat-8 ta' Marzu 2017 fil-kawża fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu ordnat l-isfilz tal-anness Dokument 'X' u minflok tammetti l-istess dokument bħala prova, u tħassar u tirrevoka l-preċitata sentenza tal-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet premessi tat-3 ta' Ottubru 2017 u minflok tgħaddi biex tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati u tordna l-*

> *prosegwiment tal-kawża u hekk tibgħat l-atti lura lill-Ewwel Qorti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellati".*

8. Il-konvenuti appellati da parti tagħhom wieġbu illi s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma, filwaqt li l-appell tal-attur għandu jiġi respint.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>:**

9. L-<u>ewwel aggravju</u> tal-attur jirreferi għall-provvediment li l-Ewwel Qorti tat fit-8 ta' Marzu 2017 u li bih ordnat l-isfilz ta' ittra mibgħuta mill-konsulent legali tal-Ministeru lill-avukat tiegħu. Dan meta l-kawża kienet fil-fażi tal-provi tiegħu. Jgħid li dan id-dokument kien wieħed rilevanti għaliex bih l-appellati skontu rrikonoxxew illi l-uniku forma ta' appell li kellu kienet din il-kawża. Dokument mehmuż mar-rikors tal-appell biex din il-Qorti tkun tista' tieħu konjizzjoni tiegħu wara li tħassar id-digriet tat-8 ta' Marzu 2017.

10. Il-fatti rilevanti għal dan l-aggravju huma s-segwenti:

i. fl-ewwel seduta tal-31 ta' Mejju 2016 kien deċiż illi l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti, dwar in-nuqqas ta' eżawriment tar-rimedju ordinarju konsistenti f'appell mid-deċiżjoni tal-Ministru *a tenur* tal-Artikolu 32(1) tal-Kap. 327, kellha tkun deċiża qabel il-mertu;

ii. Fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2016 il-konvenuti għalqu l-provi dwar l-ewwel eċċezzjoni tagħhom u l-kawża tħalliet għall-provi tal-attur fuq l-istess eċċezzjoni;

iii. Imbagħad fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2017, l-attur ressaq bħala xhud lil Dr. Charmaine Cristiano Grech u wara xehed hu stess. Ġie mbagħad ivverbalizzat hekk:

> *"Id-difensur tal-attur qed tesebixxi kopja ta' ittra fejn hemm iddikjarat illi l-Ministeru tal-Edukazzjoni jirrikonoxxi li sar appell mid-deċiżjoni tal-Ministru tal-Edukazzjoni mill-istess attur.*
>
> *Dr Reuben Farrugia jitlob l-isfilz tal-ittra għax hi irrilevanti għall-mertu tal-ewwel eċċezzjoni li qed tiġi kkunsidrata, mhix kopja awtentika imma hi biss kopja, apparti l-fatt illi dak li hemm miktub effettivament qed jispjega li nonostante li jsir appell, il-warrant xorta jibqa' meqjus sospiż u kkanċellat.*
>
> *Il-Qorti wara li semgħat lil Dr Charmaine Cristiano Grech u billi tqis illi lanqas biss tirrifletti dak li ġie miktub biex inkitbet ir-risposta u li l-ittra ġiet esebita wara li ftit hin qabel kient fuq il-pedana mressqa mill-istess attur, il-Qorti qed tordna l-isfilz tad-dokument.*
>
> *L-attur jiddikjara li m' għandux aktar provi fuq l-ewwel eċċezzjoni".*

11. Id-dokument anness bħala 'Dok X' mar-rikors tal-appell jikkonsisti f'ittra legali datata 28 ta' Ottubru 2016 mibgħuta f'isem id-Direttur tar-Riżorsi Umani fil-Ministeru tal-Edukazzjoni u l-Impieg u indirizzata lid-difensur tal-attur, bi tweġiba għall-ittra legali tal-attur datata 6 ta' Ottubru 2016.

12. Fir-rigward il-Qorti tqis illi:

12.1. kif tajjeb osservat mill-Ewwel Qorti, l-ittra tal-Profs Refalo tas-6 ta' Ottubru 2016 ma ġietx ippreżentata;

12.2. l-attur baqa' ma spjegax għalfejn esebixxa dan id-dokument biss wara d-depożizzjoni tal-avukat Dr. Charmaine Cristiano bħala xhud tiegħu mingħajr ma staqsiha xejn dwaru; u

12.3. f'kull każ, dak li jgħodd fil-kuntest tal-eċċezzjoni in disamina huwa dak li effettivament tgħid il-liġi u x'jirriżulta mill-provi. Dak li setgħat fehmet l-avukat tal-konvenuti, mhuwiex rilevanti għall-eżitu tal-eċċezzjoni  Dan aktar u aktar fil-kuntest tal-fatt illi l-korrispondenza inkwistjoni ġiet skambjata fil-mori tal-kawża u allura ma mpinġiet bl-ebda mod fuq kull azzjoni jew nuqqas tagħha li l-attur seta' ħa qabel.

13. Għalhekk tiċħad l-aggravju.

14. It-tieni aggravju tal-attur huwa dwar dak deċiż bis-sentenza appellata tat-3 ta' Ottubru 2017.  Fir-rigward, l-attur jibda billi jilmenta illi l-Ewwel Qorti naqset tapplika d-dispożizzjoni tal-liġi għall-każ tiegħu u minflok applikat kriterji differenti.  Dan għaliex mentri l-liġi tgħid li t-terminu tal-appell jibda jiddekorri "mill-avviż li jingħata lill-Ministru", is-sentenza

appellata ddeċidiet li t-terminu kellu jibda jiddekorri min-notifika lill-appellant tad-deċiżjoni tal-Ministru. Skont l-attur, l-uniku interpretazzjoni li tista' tingħata lill-Artikolu 32(1) tal-Kap. 327 hija iżda li l-appell mid-deċiżjoni tal-Ministru jiskatta minn meta l-Kunsill jagħmel ir-rakkomandazzjoni tiegħu. Madankollu, meta huwa ġie mgħarraf 'bl-hekk imsejħa deċiżjoni' tal-Ministru fil-5 ta' Diċembru 2015, it-terminu ta' 21 jum mir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2015 kien diġà skada. Isostni li b'hekk, huwa qatt ma kellu l-fakoltà li jirrikorri għall-allegat rimedju.

15. L-attur ibbaża l-kawża fuq il-premessa li m'appellax għaliex skontu kien fl-impossibilità li jagħmel hekk għar-raġunijiet li ssemmew hawn fuq.[19] F'paragrafu 10 tar-rikors maħluf l-attur jargumenta li a bażi ta' dak li jingħad f'Art. 32(1) tal-Kap. 327, it-terminu tal-appell kien jiddekorri mid-data li l-Ministru tal-Edukazzjoni rċieva r-rakkomandazzjoni mingħand il-Kunsill. Għalhekk, meta fil-5 ta' Diċembru 2015 irċieva l-avviż bid-deċiżjoni tal-Ministru, *".... kien għadda t-terminu tal-appell stabbilit mil-liġi billi bejn it-22 ta' Ottubru 2015 u l-5 ta' Diċembru 2015 kienu għaddew oltre 21 jum ......"*. Saħansitra, f'affidavit li ppreżenta fil-kawża **Charles Cini v. Prim Ministru et** (188/2017) deċiża wkoll illum, qal:

> *"10. Jiena ma stajtx nappella minn din id-deċiżjoni tal-Ministru billi t-terminu tal-appell kif stipulat fil-liġi kien diġa skada meta jinea ġejt mgħarraf bid-deċiżjoni u għalhekk l-uniku rimedju li kien għad fadalli kien li niftaħ il-kawża (li jiena għamilt billi tintavolajt ir-rikors ġuramentat*

[19] Ara *inter alia* l-premessa numru 10 u t-talba numru 3.

> *numru 348/2016MCH fl-ismijiet Charles Cini vs Il-Ministru għall-Edukazzjoni u Xogħol et) ......".*

16. Verżjoni li reġa' rrepeta fir-rikors tal-appell (ara paragrafu tlieta a fol. 248).

17. Il-konvenuti jsostnu li seta' appella skont il-proċedura li tissemma fl-Art. 32(1) tal-Kap. 327.

18. Fin-nota ta' sottomissjonijiet il-konvenuti argumentaw li skont l-Art. 32(1) it-terminu ta' 21 jum jiddekorri mid-data meta l-Kunsill għamel ir-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Ministru. Isostnu allura li f'dan il-każ it-terminu konċess lill-attur beda jiddekorri fit-22 ta' Ottubru 2015, meta l-Kunsill konvenut ħareġ ir-rapport bir-riżultanzi tal-investigazzjoni tiegħu u għadda l-istess lill-Ministru. Din il-pożizzjoni ġiet mtennija kelma b'kelma fir-risposta tal-appell tal-konvenuti. Raġunament li l-konvenuti bbażaw fuq il-kliem *"fi żmien wieħed u għoxrin jum mill-avviż li jingħata lill-Ministru"*.

19. Il-Qorti ma taqbilx mal-fehma tal-partijiet.

20. L-Art. 32(1) jagħti dritt ta' appell <u>mid-deċiżjoni tal-Ministru</u> li biha jiċħad talba għall-*warrant* jew li biha jiġi sospiż jew imħassar *warrant* u <u>mhux</u> dritt ta' appell mir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill lill-Ministru.

Għalkemm mill-provi rriżulta li bħala prassi l-Ministru tal-Edukazzjoni jibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill, jibqa' l-fatt li skont il-liġi d-deċiżjoni finali hi tal-Ministru tal-Edukazzjoni u ta' ħadd iktar. Irriżulta li l-Ministru laqa' r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill u fis-6 ta' Novembru 2015 il-Kunsill irċieva d-deċiżjoni tal-Ministru.

21. Il-konvenuti argumentaw ukoll li f'każ li l-Qorti hi tal-fehma li t-terminu tal-appell jiddekorri mid-deċiżjoni tal-Ministru, l-attur naqas hawn ukoll.

22. L-Ewwel Qorti fehmet l-Art. 32(1) fis-sens li wara d-deċiżjoni tal-Ministru, hemm perjodu ta' 21 jum sabiex isir appell. Dan għaliex l-Artikolu 32(1) jorbot id-dritt tal-appell mad-deċiżjoni tal-Ministru u għaliex finalment hija dik id-deċiżjoni li torbot lill-attur billi l-Ministru jista' ma jilqax ir-rakkommandazzjoni tal-Kunsill.

23. Bla dubju din hija l-aktar interpretazzjoni loġika. Il-kwistjoni hija jekk dan huwiex effettivament ir-rimedju stabbilit fil-liġi, jew huwiex rimedju dubjuż li probabbilment kien sejjer biss iwassal għal spejjeż u dilungar inutli, kif ilmenta l-attur fit-tieni aggravju (fol. 247). L-attur argumenta li r-rimedju la huwa wieħed ordinarju (għaliex ma kienx dak li l-liġi kienet espressament qed tipprospetta) u lanqas wieħed effettiv (għaliex kien stultifikat bi problema teknika ta' żmien).

24. Il-liġi inkwistjoni hija ċara sa fejn tagħti dritt ta' appell lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva lill-persuna aggravata b'deċiżjoni tal-Ministru li biha jkun ċaħad talba għall-*warrant* jew li biha jiġi sospiż jew imħassar *warrant*. Il-problema hi limitata għal minn meta jibdew jgħaddu l-21 ġurnata. Kwistjoni li kienet tiġi determinata mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva li kieku l-attur appella mid-deċiżjoni tal-Ministru.

25. Qalet sew l-Ewwel Qorti li l-kliem *'fi żmien wieħed u għoxrin jum mill-avviż li jingħata lill-Ministru'* hu skorrett. L-appell isir mid-deċiżjoni tal-Ministru tal-Edukazzjoni. Billi d-deċiżjoni tat-tħassir tal-*warrant* hi tal-Ministru, hu ovvju li l-Ministru tal-Edukazzjoni mhux ser jagħti avviż lilu nnifsu. L-avviż jingħata lill-persuna kkonċernata li tispiċċa bla *warrant* ta' għalliem. Avviż li f'dan il-każ ingħata lill-attur permezz ta' ittra li l-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Għalliema f'Malta datata l-1 ta' Diċembru 2015 u li l-attur irċieva fil-5 ta' Diċembru 2015. F'dak l-istadju wkoll kien pubblikat avviż fil-gazzetta tal-gvern li ta pubbliċità għall-fatt li l-Ministru kien ħassar il-*warrant* tal-attur b'effett mit-22 ta' Ottubru 2015.

26. L-attur jilmenta li qatt ma ġie notifikat bid-deċiżjoni tal-Ministru tal-Edukazzjoni. Mill-provi rriżulta li kulma għamel il-Ministru hu li fir-rapport tal-Kunsill maġemb il-kliem *"il-Ministru tal-Edukazzjoni"*, għamel l-inizjali tiegħu. Evidenti li l-Ministru addotta pjenament ir-rapport tal-Kunsill.

27. Hu veru li fl-avviż li l-Kunsill ta lill-attur (l-1 ta' Diċembru 2015) ma kienx jissemma li għandu dritt jappella mid-deċiżjoni tal-Ministru. Però l-attur kien jaf li hemm dritt ta' appell wara l-*email* ta' kjarifika li kien bagħat lill-Kunsill u Lawrence Azzopardi, b'*email* datata 30 ta' Ottubru 2015. *Email* li bagħat wara li rċieva r-rapport bir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill. F'dik l-*email* l-attur talab lill-Kunsill, *"Infurmawni mill-iktar fis possibbli l-proċeduri legali konċernati biex niddefendi id-dinjita tiegħi u biex inkun nista' nagħmel appell. Suppost kienu miktubin fl-aħħar korrispendenza reġistrata li jiena rċevejt"*. It-tweġiba ngħatat dakinhar stess mis-segretarju tal-Kunsill fejn qal lill-attur biex jikkonsulta mal-avukat ta' fiduċja tiegħu u għamel referenza għal dak li jgħid l-Artikolu 32(1) tal-Att dwar l-Edukazzjoni.

28. Meta xehed l-attur (seduta tal-11 ta' Lulju 2016) ikkonferma li kien tkellem ma' Franklin Barbara li kien qiegħed jassistih fil-kwistjoni u lill-avukat. Il-parir li ngħata kien li kellu jistenna d-deċiżjoni tal-Ministru. Però f'ittri legali mibgħuta għan-nom tal-Ministru tal-Edukazzjoni, waħda bla data u l-oħra bid-data tat-2 ta' Diċembru 2015, id-difensur tal-attur kien infurmat li l-Ministru tal-Edukazzjoni kien addotta r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill *"with regards to your client's warrant withdrawal. Dr Crisitano has also indicated the relevant article on appeals procedure"*. Fl-ittra ta' Dr. Cristiano, li m'għandhiex data iżda ntbagħtet bi tweġiba għall-ittra legali

tal-avukat tal-attur (12 ta' Novembru 2015), għamlitha ċara x'kienet id-deċiżjoni tal-Ministru; *"Il-Ministru Bartolo iddeċieda, kif inhi l-prassi u kif għandu jkun għal finijiet ta' governanza tajba illi jimxi mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill..... Infakkrek li l-Att dwar l-Edukazzjoni jipprovdi għal rimedju legali għall-appell permezz ta' artikolu 32".* Madankollu, minn ittra datata 5 ta' Diċembru 2015 li l-attur bagħat lill-Ministru tal-Edukazzjoni, baqa' jinsisti li *"jien inkun nista' nappella mid-deċiżjoni tal-Ministru minn meta nirċievi deċiżjoni iffirmata minnek dejjem jekk din tkun negattiva"*.[20] Bagħat ittra bi tweġiba għall-ittra datata l-1 ta' Diċembru 2015 li rċieva mingħand il-Kunsill, li nfurmatu bid-deċiżjoni li kien ħa l-Ministru.

29. Għalhekk hu altru milli evidenti li l-attur kien ġie nfurmat bid-deċiżjoni tal-Ministru u kien infurmat ukoll li l-Ministru kien sempliċement addotta r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill u ħassar il-*warrant*. Tagħrif li ngħata lill-attur żgur sal-5 ta' Diċembru 2015 u madankollu baqa' m'appellax id-deċiżjoni skont il-proċedura li hemm fl-Art. 32 tal-Kap. 327. Dik kienet l-għażla tiegħu.

30. Inoltre, kif tajjeb osservat l-Ewwel Qorti, ir-rimedju quddiem it-Tribunal hu wiesa', xieraq u effettiv;

---

[20] Fol. 166.

*"Hu presedut minn Maġistrat li għandu l-jedd jisma l-ilmenti kollha ta' fatt u dritt b'rispett lejn il-prinċipji tal-ġustizzja naturali, b'aċċess għal informazzjoni kollha rilevanti li għandha tkun disponibbli għall-partijiet kollha u jagħti r-rimedji skond dak mitlub u kontestat bil-poteri li għandha l-prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Mhux hekk biss iżda hemm dritt ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell mid-deċiżjoni tat-Tribunal"*.

31. Kif jirriżulta mir-rikors ġuramentat, l-ilmenti tal-attur kienu li:

i. Ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill lill-Ministru kienet bażata fuq applikazzjoni b'mod retroattiv ta' regolamenti li ma kinux applikabbli għall-attur;

ii. Li fl-inkjesta l-Ministru kien il-prosekutur u mbagħad ħa d-deċiżjoni li biha tħassret il-*warrant* tal-attur;

iii. Ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill kienet żbaljata għaliex injora provi oġġettivi li jagħtu prova tal-kompetenza tal-attur bħala għalliem;

iv. Seħħet diskriminazzjoni għaliex filwaqt li saret inkjesta fil-każ tal-attur, ħaddieħor fl-istess skola ma kienx ġie investigat għall-ksur ta' etika;

v. L-attur ġie kastigat talli għamel dmiru u rrapporta persuna oħra li ma kinitx qiegħda taqdi dmirha;

32. Kwistjonijiet li kollha setgħu jiġu mistħarrġa quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva.

33. L-attur ilmenta wkoll (paragrafu 4 tal-aggravju a fol. 248) li m'hemm l-ebda prova konkreta li l-Ministru effettivament iddeċieda li jħassar il-*warrant* tiegħu billi kull ma ġie ppreżentat hi l-ewwel paġna tar-rapport tal-Kunsill allegatament inizjalat mill-Ministru ta' dak iż-żmien. Però l-provi li ssemmew aktar 'il fuq altru milli jagħtu prova suffiċjenti li l-Ministru ħa deċiżjoni meta approva r-rapport tal-Kunsill u ħassar il-*warrant* tal-attur, u li l-attur kien infurmat li l-Ministru kien ikkonferma r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill.

34. B'referenza għad-dokument li fih l-inzjali tal-Ministru, xehed Lawrence Azzopardi, Segretarju tal-Kunsill li bil-ġurament ikkonferma li l-inizjali huma tal-Ministru u dan bħala approvazzjoni ta' dak hemm rakkomandat (fol. 115). Fatt li ġie kkonfermat ukoll minn Dr. Mateja Farrugia (fol. 149) u Dr. Charmaine Cristiano Grech *tramite* l-korrispondenza li bagħtet.

Deċiżjoni.

Għar-raġunijiet kollha li ngħataw hawn fuq, tiċħad l-appell tal-attur u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż kontrih.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm